**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**Rikors Revoka Nru. 1272/2018 GM**

Fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju Numru 1627/18 fl-ismijiet:

**GRACE BORG ID760251M**

**vs**

1. **Edward Basile ID 167284M**
2. **Francis Basile ID 167384M**
3. **David Basile ID 117978M**
4. **Cherubino Limited C3677**
5. **Lalataka Limited C58107**
6. **Boubguira Azzedine (CAN-BA505531**
7. **Grisar Frank 591-5838189-55**
8. **Pantzar Jan Erik 81481120**
9. **Pantzar Thomas Stig PSWE82001325**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fl-20 ta' Diċembru, 2018, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrenti Edward Basile, Francis Basile, David Basile u Cherubino Limited (aktar 'il quddiem imsejħa "l-eżekutati") talbu li din il-Qorti tħassar *in parte* il-Mandat kawtelatorju ta' Sekwestru numru 1627/18 maħruġ kontriha minn Grace Borg (aktar 'il quddiem imsejħa l-"eżekutant"), għall-finijiet tal-artiklu 836 (1)(d) u 836(1)(f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u li timponi penali skont l-artiklu 836(8) tal-istess Kap;

Rat ir-risposta tal-eżekutant ippreżentata fil-21 ta' Frar 2019;

Semgħet it-trattazzjoni bil-fomm tal-avukati difensuri tal-partijiet waqt l-udjenza tas-26 ta' Marzu 2019;

Rat li din il-proċedura ġiet imħollija għall-pronunzjament *in camera* tad-digriet;

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz tal-mandat *de quo* l-eżekutant talbet is-sekwestru ta' €15,001 biex tikkawtela pretensjoni għal kumpens ta' servizzi li tallega li pprovdiet biex jiġi konkjuż negozju bejn l-eżekutati dwar it-trasferiment tan-negozju operat mill-ħanut bl-isem *Amorino* fi Triq ir-Repubblika, Valletta, liema kumpens qiegħda titlob li jiġi likwidat fil-kawża li fetħet kontra l-eżekutati, pendenti quddiem din il-Qorti kif ippreseduta, Rik.Gur. 989/2018;

Illi fl-ewwel lok, l-eżekutati jsostnu li l-mandat huwa null billi l-eżekutant naqset milli tindika "l-ammont li għalih tammonta t-talba" (Art. 831(1)(b) Kap 12) u/jew milli "(t)indika s-somma jew il-ħaġa dovuta" (Art. 376(2)(b)

Kap 12) billi, skont Art. 376(3), jekk is-sekwestru ma jkunx fih dan id-dettal (fost oħrajn) ikun ipso iure null. Il-Qorti ma taqbilx. Fil-mandat ta' sekwestru, l-ammont huwa indikat fis-somma ta' €15,001;

Illi mbagħad iżda l-eżekutati jkomplu jissottomettu li l-mandat inħareġ abużivament billi l-eżekutant ma tgħidx kif waslet għal din iċ-ċifra, u allura ma jirriżultax prima facie, skond kif mitlub mill-Art. 836(1)(f) tal-Kap 12. Il-liġi iżda ma tesiġix li s-sekwestrant jgħid kif wasal għall-ammont li jitlob li jiġi ssekwestrat. F'dan il-każ lanqas jista' jagħmel hekk għaliex fir-rikors ġuramentat tiegħu, qiegħed jitlob lill-Qorti biex dan l-ammont jiġi likwidat. Li kieku l-Qorti kellha titlob li jgħid kif wasal għall-ammont, tkun qiegħdha tintralċja ruħha fil-mertu; ħaġa li ma tistax u m'għandhiex tagħmel f'dan l-istadju. U l-ebda mandat ma jkun jista' jinħareġ purke` ma jiġix indikat eżatt l-ammont pretiż dovut. [1] Sitwazzjoni li xxekkel lill-kredituri milli jikkawtelaw il-jeddijiet tagħhom. Kull ma titlob il-liġi (Art. 836(1)(d) hu li "jintwera" li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv. Huma l-eżekutati li jridu jressqu l-provi fir-rigward – ħaġa li m'għamlux u anzi jippruvaw jitfgħu il-piż li skont il-liġi jridu jġorru huma fuq l-eżekutant;

Illi t-talba abbażi tal-Art. 836(1)(f) ma treġix għaliex skont kif jidher mit-test tal-liġi u kif ġie stabbilit minn ġurisprudenza kostanti dan is-subinċiż japplika kemm-il darba jkun hemm bdil ta' ċirkostanzi wara li jinħareġ il-mandat – ħaġa li ma tirriżultax;

Illi fl-aħħarnett lanqas ma tirrizulta kawza gusta sabiex jigi ordnat lill-

[1] Id-digriet tat-30.10.2003 fl-ismijiet Taormina Holdings Limited v Biochemicals International Limited, iċċitat mis-sekwestrant, fejn din il-Qorti ppreseduta mill-mibki Onor. Imħallef Gino Camilleri, ċaħdet it-talba għar-revoka għar-raġunijiet fih imsemmija, kien biss wieħed minn bosta każi li jiġu quddiem din il-Qorti fejn fil-mandat issemmiet somma speċifika imbagħad kien segwit minn kawża għal-likwidazzjoni tal-ammont pretiż.

eżekutant sabiex tħallas penali a tenur tal-Art. 836(8) tal-Kap 12;

Fid-dawl ta' dan kollu t-talbiet rikorrenti ma jistghux jigu milqugħin;

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi kollha:Tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti; bl-ispejjeż a kariku tagħhom.

Mogħti kameralment illum, 9 t'April 2019

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA